MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 1394/2007

**Artikoli 261(g), 271(g), 281 (a) u 334 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**ALAN MICALLEF**

**DAVID ELLUL LANFRANCO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALAN MICALLEF** ta' 32 sena, iben Anthony u Felice nee' Delmar, residenti 16, Triq it-Tullier, Attard, imwieled gewwa tal-Pieta' fis-7 ta' Gunju, 1975 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 304775(M)

u

**David Ellul Lanfranco** ta' 23 sena, bin Louis u Mary nee' Cuschieri, residenti 28, Main Street, Attard, imwieled gewwa tal-Pieta fid-9 ta' Gunju, 1984 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 283884(M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli fil-10 ta' Ottubru, 2007 ghall-habta, tat-08.00Hrs gewwa Triq l-Iskola, Hamrun:-

1. Ikkommettew serq ta' handbag li kien fih mobile phone tal-marka Nokia, valur madwar Lm85 kif ukoll Lm10 fi flus kontanti minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBN135 ghad-detriment ta' Caroline Fava ID.358974(M) minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa; u dan bi ksur tal-artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentament xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratti mill-att tat-twelid tal-imputati immarkat bhala Dok. NG1 u Dok. NG2 rispettivament li jinsabu a fol. 5 u 6, il-fedina penali tal-imputati mmarkati bhala Dok. NG3 u NG4 a fol. 7 et sequitur, stqarrija tal-imputati mmarkati bhala Dok. NG5 u NG6 a fol. 13 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Novembru, 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bi

procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. NG7 a fol. 17 tal-Process.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2008 xehed l-**Ispettur Nezren Grixti** u spjega li kien fl-10 ta' Ottubru tas-sena 2007 ghall-habta tad-9 ta' filghodu meta fil-fatt gie nformat mill-Ghassa l-Hamrun illi kien hemm zewg persuni maskili li gharaf prezenti fl-Awla u cioe' certu Alan Micallef u David Ellul Lanfranco li kienu nstabu f' pussess ta' handbag u li x' aktarx li kien insteraq mill-akwati. Fil-fatt iz-zewg persuni gew arrestati u gewwa dan l-istess handbag kienet instabet karta tal-ghaxar liri kif ukoll *mobile phone* tal-marka Nokia. Fil-fatt dak il-hin stess, xi ftit minuti wara, kienet dahlet is-Sinjura Caroline Fava ta' 33 sena minn Birkirkara fejn ghamlet rapport illi hekk kif kienet waslet lit-tfal taghha gewwa l-iskola gewwa triq il-Ferrovija l-Hamrun kienet nizlet lit-tfal taghha minn gewwa l-vettura u kienet waslithom l-iskola gewwa din l-istess triq. Fil-fatt din kienet qalet li ma kinitx sakkret il-karozza ghax kienet ipparkjat il-karozza quddiem l-iskola u minn gewwa din l-istess vettura kienet sabet il-*handbag* taghha ta' kulur bajdani nieqes. Fil-fatt hi marret l-Ghassa fejn ghamlet rapport rigward dan l-istess kaz fejn kienet qalet li l-valur ta' dan l-istess *mobile* kienet pressa poco bejn wiehed u iehor hamsa u tmenin lira u kienet ikkonfermat ukoll li kellha karta tal-ghaxar liri. Fil-fatt huma kienu rritornaw dawn l-affarijiet lill-istess vittma fejn komplew b'iktar investigazzjonijiet.

Fil-fatt kienu kellmu lil Alan Micallef u lil David Ellul Lanfranco fejn fir-rigward ta' Alan Micallef wara li nghata s-solita twissija kien ghazel li ma jirrispondiex ghad-domandi li kienu gew maghmula fil-konfront tieghu u fil-konfront ta' David Ellul Lanfranco l-Pulizija kienet kellmitu wkoll fejn fil-fatt kien stqarr li kien f'dik l-istess triq, cioe' gewwa Triq l-Iskola l-Hamrun u ghalkemm kien fil-pussess ta' dan il-*handbag* abjad, jghid li ma kienx serqu imma kien sabu. Fil-fatt kien qal illi qatt ma kien seraq dan il-*handbag* minn gol-vettura tal-vittma, cioe' ta' Caroline Fava. Spjega li kien ghaddej minn hemmhekk hekk wara li kien mar id-Detox u kien sejjer lura lejn ir-residenza tieghu.

Fil-fatt il-Pulizija kienet zammet lil dawn iz-zewg imputati u wara fil-fatt resqithom quddiem din l-istess Qorti. Fil-fatt ikkonferma wkoll l-istqarrijiet li gew rilaxxati minn dawn iz-zewg imputati, cioe' ikkonferma l-istqarrija rilaxxata wara s-solita twissija ta' Alan Micallef. Gharaf l-istqarrija mmarkata bhala Dok. NG 5 fejn l-istess Alan Micallef kien ghazel li ma jiffirmax din l-istess stqarrija. Gharaf ukoll l-istqarrija rilaxxata minn David Ellul Lanfranco li giet markata bhala Dok. NG 6 fejn ukoll ghazel li ma jiffirmax din l-istess stqarrija. Dawn iz-zewg stqarrijiet gew rilaxxati wara li nghatat is-solitu twissija minnu. Gharaf il-firem tieghu kif ukoll taz-zewg Pulizija li kellu dakinhar xhud tal-istqarrija. Ikkonferma li dawn iz-zewg stqarrijiet gew rilaxxati b' mod volontarjat minghand dawn iz-zewg imputati.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2008 xehed il-**Maggur 86 Anthony Lia** u spjega li fl-10 ta' Ottubru, 2007 ghall-habta ta' xi tmienja u kwart, tmienja u nofs ta' filghodu huwa kien sejjer bil-vettura tieghu x-xoghol. Dar minn Strada Rjali ghal Triq il-Ferrovija gewwa l-Hamrun u kif dar kwazi hdejn il-garaxx tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ra liz-zewg imputati, li gharaf prezenti fl-Awla. Huwa hares lejhom u mbaghad bl-istess vettura tieghu huwa dar fiz-zona ta' fejn hemm it-tliet sigriet il-Hamrun. Dar lura biex ikun jista' jipparkja fejn l-Ghassa. U huwa mbaghad x' hin wasal hdejn il-garaxx tal-Ghassa tal-Pulizija rega' innota liz-zewg imputati, hares lejhom ghal xi mumenti u baqa' tiela' biex jirriversja halli jipparkja fejn l-Ghassa. Huwa rriversja, dahal fl-Ghassa fejn kien hemm PC 574 li kien fil-bieb tal-Ghassa.

Spjega li hekk kif kien ser jghidlu biex idur ghan-naha ta' wara tal-Ghassa ghax kien hemm zewg minn nies biex huwa jmur jaghti daqqa t'ghajn, spjega li dak il-hin ghaddew iz-zewg imputati u nnota illi wiehed mill-imputati fejn gie nfurmat li huwa David Ellul Lanfranco li kellu *handbag* abjad f' idejh. Huwa dar fuqu, staqsieh x' inhu u hu rrispondieh li dak il-*handbag* kien tal-kugina. Huwa dak il-hin dahhalhom it-tnejn l-Ghassa u sakemm qeghdin ikellmuhom quddiem is-Surgent u waqt li kienu qeghdin hemmhekk dahlet mara tigri gewwa l-Ghassa u qalet li kienu serqulha l-*handbag* minn gewwa l-karozza. Huma arrestawhom u mbaghad is-Surgent baqa' jaghmel ir-rapporti u baqghet ghaddejja l-investigazzjoni tal-Pulizija. Xtaq izid jghid ukoll li din il-mara li dahlet giet murija il-basket li huma raw f' idejn David Ellul Lanfranco u dina ddentifikat il-basket bhala taghha u

ukoll semmitilhom x' kien hemm bhala kontenut fil-basket. Pero' propjament spjega li dan id-diskors qalitu lis-Surgent pero' kien prezenti hu u semaghha.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2008 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** u spjega li qieghed jigi muri d-dokument dok NG 5 li huwa stqarrija ta' l-imputat Alan Micallef li qed jaghrfu prezenti fl-Awla u li huwa liebes glekk. Ikkonferma li huwa kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija u dak iz-zmien u cioe' allura fid-data in kwistjoni ta' l-10 ta' Ottubru, 2007 huwa kien PS 287. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-Ligi. Irrilaxxa din l-istqarrija b' mod volontarju. U spjega ukoll illi l-imputat Alan Micallef ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2008 xehdet **Caroline Fava** u spjegat li fl-10 ta' Ottubru, tas-sena 2007 ghall-habta ta' xi tmienja u nofs u hamsa ta' filghodu hija kienet qeghda ddahhal it-tifla l-iskola l-Hamrun u precizament l-iskola primarja fejn hemm l-Ghassa tal-Hamrun. Hija kellha l-vettura pparkjata fl-istess triq ta' l-iskola u hin minnhom marru jghidulha n-nies li kienu hadulha l-basket mill-karozza. Hija kienet halliet il-basket fil-karozza u dana kien basket abjad kwadru. Spjegat illi fil-basket kien hemm *mobile*, kien hemm portmoni u xi karti. In kwantu ghall-*mobile* kien tal-marka Nokia u kien ta' valur ta' bejn sebghin u hamsa u tmenin lira Maltin. Hija kellha bhala flus xi muniti xi zewg liri, kellha wkoll xi *cards* tal-bank. In kwantu ghall-basket kienet xtratu xi zewg liri. Hija marret tigri lejn il-karozza. Il-

karozza taghha tal-marka Opel Corsa kulur abjad. Hija kienet halliet naqra mbexxqa l-hgiega tan-naha tal-passiggier ta’ quddiem u hija mbaghad marret tigri l-Ghassa. Hemmhekk sabet li diga’ kien hemm nies arrestati. L-Pulizija lilha fl-Ghassa urewha l-oggetti li kien hemm gol-basket u anke fl-istess basket u dawn gharfithom kollha. Hija sabet kollox fil-basket. Spjegat illi l-persuni li hija rat mizmumin l-Ghassa qeghda taghrafhom bhala l-imputati prezenti fl-Awla.

Illi nhar il-27 ta’ Mejju, 2008 rega’ xehed l-**Ispettur Nezren Grixti** u esebixxa l-okkorrenza tal-pulizija li giet immarkata bhala Dok. RNG1. Spjega illi l-pulizija li dahhal dina l-okkorrenza huwa PC 574 Emanuel Buhagiar.

Illi nhar il-21 ta’ April, 2009 in kontro ezami xehed l-**Ispettur Nezren Grixti** u spjega li fuq domanda li saritlu huwa dakinhar stess tal-incident kien kellem liz-zewg imputati. Spjega illi dakinhar stess il-Maggur Anthony Lia kien infurmah dwar dak li kienet qaltlu Caroline Fava u huwa mbaghad dakinhar stess tal-incident kien kellem liz-zewg imputati. Spjega illi huwa jidhirlu li Caroline Fava qatt ma kien kellimha personalment. Ikkonferma li kien il-Maggur Lia li nfurmah dwar dak li kienet qaltlu Caroline Fava u mbaghad kompla bl-investigazzjonijiet. Spjega li kien il-Maggur Lia li kien waqqaf iz-zewg imputati u konsegwentement m’ huwiex f’ pozizzjoni li jghid huwa fejn kien twaqqaf l-imputat David Ellul Lanfranco bil-basket. Skond l-informazzjoni li kien tah l-Maggur Lia la l-imputat David Ellul

Lanfranco u l-imputat Alan Micallef kienu twaqqfu x' imkien vicin lejn l-Ghassa tal-Hamrun. Spjega li huwa kien gie nfurmat mill-Maggur Lia li Caroline Fava kienet waqfet bil-karozza biex tkun tista' twassal lit-tfal l-iskola. L-iskola in kwistjoni hija Triq wara l-Ghassa tal-Hamrun.

Illi nhar id-19 ta' Jannar, 2011 xehed l**-Ex Maggur 86 Anthony Lia** in kontro ezami u spjega li huwa dwar l-akkadut kien informa lill-Ispettur Nezren Grixti b'dak li kien gara. Spjega fuq domanda li saritlu jekk kemm 'il darba bhala stat ta' fatt jafx jekk l-Ispettur Nezren Grixti kienx kellem lil Carolina Fava, il-parti leza, spjega illi huwa ma jafx. Spjega li meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, huwa kien qieghed hdejn l-Ghassa tal-Hamrun. Spjega l-allegat incident mertu ta' din il-kawza huwa ma rahx isir. Xtaq jghid illi huwa qabel ma dahal ghax-xoghol fl-Ghassa tal-Hamrun, kien innota z-zewg (2) imputati li kienu qeghdin vicin tal-*garage* tal-Ghassa tal-Hamrun u huwa fil-fatt kif ipparkja l-karozza tieghu mal-Ghassa qal lil PC 574 biex imur hdejn il-*garage* tal-Ghassa tal-Hamrun ghax kien hemm zewg (2) persuni suspettuzi.

Xtaq jghid li huwa l-ewwel darba li kellem lill-imputati dakinhar kien meta huwa kien qieghed quddiem l-Ghassa tal-Hamrun. Xtaq jghid illi kif kien qieghed quddiem l-Ghassa nnota lill-imputat Alan Micallef li kellu *handbag* abjad f'idejh. Ftit warajh kien hemm l-imputat 'l iehor David Ellul Lanfranco u dawn kif daru ghal fuq, fejn hemm il-bieb tal-

Ghassa gew quddiemu u staqsa lill-imputat Alan Micallef x'kienet dak l-oggett li kien jidher *handbag* abjad, huwa qallu li dak tal-kugina.

Gie mitoqsi minn Dr. Mark Busuttil ghall-imputat David Ellul Lanfranco jekk bhala stat ta' fatt dak li gara kienx illi huwa kien qieghed fuq l-ghatba tal-Ghassa tal-Hamrun, li marru z-zewg (2) imputati u li dawn kienu ser jidhlu gewwa l-Ghassa biex jirapurtaw li kienu sabu l-*handbag*, dwar dan spjega li le ma kienx hekk . Spjega li fil-fatt l-imputat Alan Micallef kien taht il-bankina. Ikkonferma li wara l-Ghassa hemm skola. Huwa agixxa ghaliex huwa ghalih l-imputati kienu qeghdin jagixxu b'mod suspettuz u ghalhekk huwa kien qal lil PC 574 biex huwa jmur jaghmel il-verifiki necessarji. Huwa spjega li sakemm l-imputat Alan Micallef lilu kien qallu li l-*handbag* kien tal-kugina gie wara l-imputati PC 574, dahhalhom lill-imputati gewwa l-Ghassa u dak il-hin dahlet tigri mara tghajjat serquli l-*handbag*, serquli l-*handbag*. Spjega illi huwa meta l-imputati kienu waslu fil-vicinanzi tieghu quddiem l-Ghassa, PC 574 kien ghadu lanqas wasal hdejn il-*garage* tal-Ghassa tal-Hamrun u dana rah huwa stess u hu allura mbaghad mar lura hdejh.

Spjega illi kif l-allegata vittma Carolina Fava dahlet gewwa l-Ghassa, huwa mmedjatament kien urieha l-*handbag* li kien f'idejn Alan Micallef l-imputat u din mill-ewwel gharfitu bhala taghha. Spjegat illi tant l-affarijiet graw fi ftit minuti li huma kienu ghadhom ma rawx il-kontenut tal-*handbag*. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk il-*handbag* fethuhx

quddiem Caroline Fave jew le, spjega ghadda z-zmien u ma jiftakarx. Jista’ jkun li l-*handbag* kien ghaddih lill-Ispettur Nezren Grixti.

Ghadha kif inqratlu t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li huwa ta fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar, 2008 u spjega illi huwa jikkonfermaha kollha salv illi fejn hemm indikat illi l-*handbag* kien f’idejn David Ellul Lanfranco. Spjega fil-fatt il-*handbag* huwa rah f’idejn l-imputat Alan Micallef u mhux f’idejn David Ellul Lanfranco. Spjega illi meta huwa lill-imputati waqqafhom quddiem l-Ghassa, ma kienx hemm reazzjoni da parti taghhom u fis-sens illi dawn ma ppruvawx jaharbu. Huwa jichad illi l-imputati lilu qalulu illi kienu sabu l-*handbag* mal-art u illi kienu gabuh l-Ghassa. Huwa spjega illi dak li qallu l-imputat Alan Micallef u dan fuq mistoqsija tieghu kien illi l-*handbag* kien tal-kugina tieghu.

Illi nhar id-19 ta’ Jannar, 2011 xehdet **Caroline Fava** in kontro ezami u spjegat li ghadha kif inqratilha t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li hija tat fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar, 2008 u hija tikkonfermaha kollha. Mistoqsija jekk hija kinitx rat lill-imputati johdulha l-basket qalet li le. Spjegat li kien hemm ommijiet li kienu qed idahhlu t-tfal l-iskola li kienu qalulha li kienu hadulha l-basket mill-karozza. Spjegat illi hija fil-hin li giet infurmata mill-ommijiet l’ohra li kienu serqulha l-basket mill-karozza, dak il-hin kienet qieghda quddiem l-ewwel bieb li wiehed jara fit-triq fejn hemm l-iskola u dan qed tirreferi ghall-bieb tal-iskola u l-karozza kienet qieghda pparkjata

quddiem il-*garage* tal-pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun. Spjegat illi bhala distanza tikkalkula bejn fejn kienet qieghda hi u fejn kienet ipparkjata l-karozza distanza ta' tul ta' din l-Awla darbtejn. Spjegat illi fejn kien hemm il-karozza taghha pparkjata, ikkonfermat li hija triq traffikuza. Spjegat illi hija meta kienet ipparkjat il-vettura, il-karozza kienet sakritha pero' kienet halliet naqra mbexxqa l-hgiega tan-naha tal-passiggier ta' quddiem. Din il-hgiega hallietha imbexxqa qisu xi tlett (3) pulzieri. Hija l-basket kienet hallietu fuq is-*seat* ta' quddiem tal-passiggier. It-tieqa tal-hgiega tal-karozza kienet imbexxqa inkwantu ghan-naha tal-passiggier ta' quddiem. Spjegat illi hija meta marret lura lejn il-karozza wara li kienet diga' marret l-Ghassa, il-karozza hija sabitha msakkra. Spjegat illi hija meta marret lura hdejn il-karozza meta marret l-Ghassa, l-espessur ta' kemm kienet imbexxqa l-hgiega tan-naha tal-passiggier ta' quddiem kienet l-istess kif hallietha hi. Spjegat l-ommijiet li lilha kienu qalulha li kienu serqulha l-basket mill-karozza ma spjegawlix kif kienet sehhet is-serqa. Ikkonfermat li hadd mill-ommijiet li qalulha li serqulha l-basket ma qalulha l-mod kif il-basket insterqilha mill-karozza. Hija certa li l-basket kienet hallietu fil-karozza.

Illi nhar id-29 ta' Marzu, 2011 xehed l-imputat **David Ellul Lanfranco** u spjega li fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, elfejn u sebgha (2007) spjega illi dakinhar ghall-habta tat-tmienja (8:00) ta' filghodu kienu gejjin minn naha tac-Chick King sejrin lejn l-Ghassa tal-Hamrun, dana kienu hu u l-imputat l-iehor Alan Micallef. Meta huma mbaghad waslu fejn il-*garage* tal-Ghassa tal-pulizija tal-Hamrun, it-tnejn (2) li huma qabdu

sigarett. Spjega dak il-hin kien hemm l-Ispettur Carlos Cordina, dak iz-zmien kien Surgent u dan is-surgent l-iehor qal lill-Ispettur Cordina biex imur jiccekkjhom . Illi wara li huma kienu qeghdin ipejpu dan is-sigarett baqghu mexjin lejn l-Ghassa tal-Hamrun u spjega illi kien hemm karozza ta' kulur abjad ipparkjata ezatt fejn hemm il-kantuniera li meta wiehed idur jigi ghall-bieb tal-Ghassa tal-Hamrun. Xtaq jghid li Alan Micallef kien miexi qablu u spjega li huwa nnota li hdejn din il-karozza bajda, hdejn it-*tyre* ta' quddiem tan-naha tal-passiggier u allura mal-art hdejn dan it-*tyre* kien hemm *handbag* li kien *handbag* zghir abjad. Huwa qabad dan il-*handbag* b'idu u spjega l-imputat Alan Micallef baqa' miexi. U allura spjega li l-imputat l-iehor ma rahx jibor dan il-*handbag* mill-art. Innota illi t-tieqa tal-hgiega tan-naha tal-passiggier ta' quddiem, allura tal-bieba, kienet imnizzla xi tlett (3) pulzieri. Dana nnutah meta huwa niezel biex jigbor il-basket mill-art. Huwa mbaghad meta qabad il-basket f'idu kompla miexi u dar ghall-kantuniera ta' fejn hemm l-Ghassa. Spjega li huwa dar fejn hemm l-Ghassa biex imur l-Ghassa halli jghaddi l-basket lill-pulizija. Spjega illi l-ko imputat Alan Micallef kien qieghed avvanzat minnu u allura qabez il-bieb tal-Ghassa tal-Hamrun u kien sejjer lejn il-pjazza.

Huwa kiser ghal mal-bieb tal-Ghassa u fil-bieb kien hemm il-Maggur Lia. X'hin dana rah bil-*handbag* jikser ghal quddiemu, ghajjatlu biex jidhol gewwa. Huwa dahal gewwa normali u urieh il-*handbag* u qallu li kien hawn *handbag* li huwa kien sabu hemm wara. Xtaq jghid li x'hin il-ko imputat Alan Micallef rah diehel l-Ghassa, mar ghal warajh. U dan Alan Micallef qabad u dahal l-Ghassa, u ma kienx dahal l-

Ghassa ghax ghajjatlu l-Maggur imma dahal minn jheddu. Spjega huwa lill-Maggur Lia spjegalu kif sab il-basket. Spjega illi huwa l-basket ma kienx lahaq fethu. Spjega illi huwa kieku ma sabx il-basket kien jibqa' tiela ghal fuq u dana biex hu jmur jaqbad il-karozza tal-linja ghal fuq, in-numru *eighty* (80), waqt illi l-ko imputat, dana l-intenzjoni tieghu kienet li jmur il-pjazza.

Imbaghad spjega illi lanqas lahqu zewg (2) minuti li huwa u l-ko imputat kienu qeghdin l-Ghassa li marret tigri mara u qalet li kien insterqilha basket. Spjega illi mbaghad kien hemm il-Maggur Lia u Spettur Cordina u dawn staqsewha x'kellha bhala affarijiet fil-basket. Spjega ccekkja kollox u dak kollu li kien hemm fil-basket kien kollu gol-basket. Huwa l-kontenut tal-basket ma kienx rah u fil-fatt il-basket ma kienx rah.

Huwa spjega li l-Maggur kien qallu li huwa l-basket kien sabu u li kien sejjer l-Ghassa biex jaghtihom il-basket ghax dak ma kienx tieghu. Ghal dana l-Maggur Lia rrispondieh: *all right, gibu l'hawn halli jaraw ta' min hu*. Xtaq jghid illi l-Maggur Lia ukoll qalilhom: *intom sraqtu dan?* U kif ukoll il-kliem: *Alla hares kien tat-tifla tieghi ghax kienet tkun storja differenti*. Spjega huwa kif dahlet din il-mara u bdiet tghajjat: insteraqli l-basket, lilu l-Maggur Lia kien qabdu u dahhlu goc-cella. Imbaghad minn dak il-hin l'hemm ma sema' xejn izjed. Xtaq izid jghid illi huwa pero' meta kien qieghed goc-cella, sema' lil din il-mara

tghid lill-pulizija illi dak li kien hemm gol-basket kien kollu qieghed hemm. Spjega dan id-diskors semghu tghidu din il-mara.

Xtaq jghid meta hu dahal l-Ghassa bil-*handbag* wara li l-Maggur Lia qallu biex jidhol l-Ghassa, kif wasal il-ko imputat Alan Micallef, il-Maggur Lia lil dan qallu biex jitlaq l'hemm u dan telaq il-barra mill-Ghassa.

L-istess imputat fl-istess seduta in kontro ezami kkonferma li huwa joghod H'Attard. Xtaq jghid illi fid-data tal-ghaxra (10) ta' Ottubru, 2007 kien qieghed il-Hamrun, dakinhar ghall-habta tat-tmienja (8:00) ta' filghodu spjega illi huwa tela' dakinhar il-Hamrun ghaliex f'dak il-perjodu ma kienx qieghed jahdem u kien jitla' il-Hamrun, imur jiehu bela' te' go post li qieghed faccata tal-pjazza fejn hemm l-Ghassa. Xtaq jghid li huwa l-basket spicca hadu l-Ghassa ghaliex huwa hass li l-basket kien fih xi haga u ghalhekk hadu l-Ghassa.

L-imputat fl-istess seduta in ri ezami spjega li huwa l-ewwel hsieb li kellu meta sab il-basket kien jara jifthux jew le. U mbaghad qal illi, meta nnota illi dana kien fih xi haga, huwa ddecieda u qal: *mela ahjar niehdu l-Ghassa*. Huwa l-iskop tieghu kien li l-basket jaghtih l-Ghassa. Ma kellux x'jambieh.

Illi nhar id-29 ta' Marzu, 2011 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** in kontro ezami u spjega li ghadha kif inqratlu t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li huwa ta fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 2008. Huwa kkonferma l-kontenut kollu ta' dina t-traskrizzjoni ta' din id-deposizzjoni tieghu. Spjega illi huwa l-parti leza rigwardanti dan il-kaz qatt ma kellimha. Spjega illi huwa li jaf rigwardanti dan il-kaz hu li s-Surgent 86 Anthony Lia, kien dahal l-Ghassa u mieghu gab iz-zewg (2) imputati u fl-Ghassa qal li dawn iz-zewg (2) imputati kienu ghadhom kif serqu *handbag*. Gieh is-suspett ghaliex il-*handbag* li allegatament kien gie misruq kien tan-nisa. Huwa lill-imputati ma kellimhomx.

Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2011 xehed **PC 574 Emanuel Buhagiar** u spjega li fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, 2007 ghall-habta tat-tmienja (8:00) ta' filghodu huwa dak il-hin kien qieghed gewwa l-Ghassa tal-Hamrun u dahal il-Maggur Lia u huwa qal illi wara l-Ghassa kien hemm zewg persuni illi wiehed minnhom kellu *handbag* f'idu. Huwa hareg u dawna gabhom dak il-hin stess l-Ghassa tal-pulizija. Huwa dawn iz-zewg persuni sabhom fejn il-garaxx tal-pulizija mexjin fid-direzzjoni lejn l-Ghassa, spjega li huwa nnota illi l-imputat Alan Micallef li gharfu prezenti fl-Awla kellu l-*handbag* f'idu, spjega li dawn it-tnejn kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Ghassa ghax il-Maggur Lia kien diga' kellimhom biex dawn imorru l-Ghassa.

Spjega lilu l-Maggur kien tah l-ordni biex imur ghaz-zewg persuni li gharafhom bhala l-imputati prezenti fl-Awla. Jghid li lill-ebda wiehed mill-imputati ma kellem personalment, spjega li hu kien flimkien ma' PC 31 biex skortaw liz-zewg imputati gewwa l-Ghassa.

Illi nhar is-6 ta' Ottubru, 2014 xehed **Alan Micallef** u spjega li dakinhar tal-ghaxra (10) ta' Ottubru, 2007 huwa kien miexi l-Hamrun hdejn il-garaxx tal-pulizija flimkien mal-ko akkuzat David Ellul Lanfranco u spjega li huma u kienu mexjin David kien quddiemu, David innota basket mal-art hdejn it-*tyre* ta' karozza. Fil-fatt David dak il-hin gabar il-basket u mxew fid-direzzjoni tal-Ghassa bih u dan biex jghadduh lill-Ghassa. Fil-bieb kien hemm il-Maggur Lia flimkien ma' xi pulizija ohra u meta raw lil David riesaq lejhom bil-*handbag* il-Maggur Lia ghajjat lil David staqsih fuq il-*handbag* u qallu ejja l'hawn. David dahal bih u kien qallu li sabu hdejn rota ta' karozza u li kien sejjer l-Ghassa biex jghaddih lill-Pulizija u dwar l-incident dan hu li jiftakar.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li huma kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Pieta' sejrin lejn il-Hamrun biex jaqbdu l-karozza tal-linja. Mistoqsi jekk il-*handbag* kienx fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza jew f'ta' wara spjega li safejn jiftakar hu pero' ghaddew seba' (7) snin kien fuq in-naha ta' quddiem. Jaf li pero' kien taht *tyre*. Mistoqsi jekk kienx in-naha tax-xellug jew tal-lemin spjega li effettivament kien in-naha tal-bankina.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014 l-imputati ddikjaraw li m' ghandhomx aktar provi xi jressqu u ghalhekk l-avukat difensur taghhom Dr. Simon Micallef Stafrace flimkien ma' Dr. Marouska Debono ttrataw il-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza kollox jiddependi fuq kredibilta' ta' xhieda u dan ghaliex filwaqt li l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati qabdu u serqu basket ta' kulur abjad minn gol-vettura ta' Caroline Fava, l-imputati qed jghidu li sabu il-basket taghha hdejn ir-rota ta' quddiem. Illi ma hemmx dubju li l-konvenuti kif kellhom kull dritt jaghmlu ma wiegbux ghad-domandi li gew imposti lilhom ghalkemm offrew id-deposizjoni taghhom. Jinghad li l-prosekuzzjoni resqet bhala prova lil Caroline Fava tikkonferma li nsterqilha il-basket taghha mill-vettura taghha numru ta' registrazzjoni DBN 135 u tghid ukoll li wara li saret taf b'dan marret l-Ghassa taghmel rapport. Il-konvenuti min naha taghhom jghidu li sabu il-basket fit-triq fuq quddiem hdejn ir-rota fejn kienet ipparkjata il-vettura taghha proprju fit-triq tal-iskola. L-kwerelanta tiddiksrivi kif effettivament kienet halliet il-karozza taghha bit-tieqa miftuha waqt li dahlet lil uliedha l-iskola. Tghid li bhala valur il-basket ma sewiex wisq tant li taghtu valur ta' zewg liri

Maltin ghalkemm tghid li gol-basket kellha xi flejjes de minimis kif ukoll tghid li kienet hi li waqfet lill-imputati li kienu fil-vicinanzi tal-Ghassa meta rathom bil-basket f'idejhom. Carolie Fava tichad li fil-fatt kienet halliet il-basket taghha fuq quddiem hdejn ir-rota.

Xehed ukoll is-Surgent Lia li jghid li jiftakar li kien ra lill-imputati hdejn l-Ghassa bil-basket abjad f'idejh. Jghid li dehru suspettuzi u ghalhekk kien talab l-assistenza sabiex jigu monitored.  Gara pero' li fil-pront fl-Ghassa dahlet sinjura li wara nzerta li kienet Caroline Fava li effettivament irrapportat li kienu ghadhom kemm serqulha il-basket taghha minn gewwa il-vettura taghha.

L-imputati jghidu li huma kellhom kull intensjoni tajba u dan ghaliex wara li sabu il-basket mal-art kienu lesti li johduh l-Ghassa meta gew imwaqfa fil-bieb tal-Ghassa u mistoqsija x'kien qed jaghmel f' idejhom dan il-basket l-abjad. Huwa minnu li l-imputati rrilaxjaw stqarrija filwaqt li l-imputat Alan Micallef ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda kif del resto kellu kull dritt jaghmel waqt li l-ko akkuzat David Lanfanco f'nifs wiehed jghid li l-basket sabu fl-art u fl-istess hin jghid li jaf li l-basket insteraq minn karozza.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha taghmel referenza ghall-fatt li l-imputat Alan Micallef ma kkoperax maghha tul din l-investigazzjoni fis-sens li ma wiegeb ghall-ebda domanda u ghalhekk kieku kien veru li ma kienx hu li seraq il-basket kien iwiegeb. Dawn it-tip ta'

kummenti din il-Qorti sejra tiskarthom u dan ghaliex huwa dritt tal-imputat li jibqa' sieket tul l-investigazzjoni tal-Pulizija.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ta' dak li gara dik esposta mill-prosekuzzjoni li tallega li l-imputati serqu basket abjad ta' Caroline Fava minn gol-vettura taghha numu ta' registrazzjoni DBN 135 u dik proposta mid-difiza li tghid li sabet il-basket fit-triq hdejn ir-rota ta' din l-istess vettura u li gabritu u li kienet sejra bih l-Ghassa.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-

grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti ukoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper vs The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are* *__no__* *(sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija vs Joseph Gauci et__**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li l-Maggur Lia kien ra lill imputati bil-basket f'idejhom u meta staqsihom x'kien qed jaghmel il-basket f' idejhom jghidu li kien tal-kugina taghhom. Fl-ebda hin ma jghid li dak il-hin l-imputati qalulu li sabuh fit-triq hdejn ir-rota ta' vettura. Kien biss meta dahlet fl-Ghassa Caroline Fava tghajjat li serqulha l-basket li l-imputati jghatu l-versjoni li kienu sabuh. Issa bejn il-hin meta Fava halliet il-basket fil-karozza taghha u il-hin meta l-imputati nstabu fil-pussess tal-basket kien ghadda ftit tal-hin u ghalhekk jirrizulta bla dubju ta' xejn it-teorija ta' serq rizultanti minn pussess ricenti.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg. 1813 para F3.28 jiddisponi s-segwenti:-

*"In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly."*

**Cross and Tapper** fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 jaghti l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in esami u cioe' huma jghidu s-segwenti:-

"*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen.*"

L-avukati difensuri fl-ebda hin ma ttrattaw dan il-punt ghalkemm kien ikun wiehed interessanti fid-dawl tal-qasir zmien li kien hemm bejn is- serqa u s-sejba.

Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l-Qorti taghmel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lill-**Cross and Tapper** li jghidu s-segwenti.

"*It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict.*" (Ahseb u ara meta fil-kaz in desamina l-imputati jaghtu spjegazzjoni li mhux accettabli fid-dawl ta' dak li rrizulta)

**Archbold** fl-opera fuq citata jghid:-

*"Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged."*

Din it-teorija tal-pussess ricenti tal-haga misruqa ilha ghal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tigi accettata u addottata mill-Qrati taghna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvano Cilia** deciza fil-wiehed u tletin ta' Mejju, 2000. Din it-teorija kif gie ritenut fis-sentenza moghtija nhar il-hdax ta' Dicembru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li ghandu fl-ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li ghandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin jew zmien wara s-serqa, nexus li purche jigu stabbiliti r-rekwiziti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq tal-oggett misruq ghandu ftit tal-hin wara s-serqa.

Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni tal-fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-prosekuzzjoni rnexxilha minghajr dubju ta' xejn tipprova li l-imputati kienu fil-pussess tal-basket li kien misruq u l-ispjegazzjoni li taw l-imputati ghal dan il-pussess kien wiehed dubjuz u mhux sodisfacenti.

Illi ghalhekk a bazi ta’ din it-teorija l-Qorti hija tal-fehma li l-imputati ghandhom jinsabu hatja tas-serq kif aggravat bix-xorta tal-haga misruqa stante li nsteraq minn gewwa vettura.

Dwar it-tieni akkuza u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni, il-Qorti tirrileva li din l-akkuza nghatat mill-prosekuzzjoni b’mod alternattiv ghall-akkuza ta’ serq f’kaz ma tirrizultax ipprovata.  Ghalhekk stante li l-Qorti qed issib lill-imputati hatja tal-akkuza ta’ serq mhiex qed issibhom hatja tal-akkuza ta’ ricettazzjoni u tilliberahom minnha.

Dwar il-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati u minn ezami tal-istess jirrizulta li z-zewg imputati diga’ kisru dufrejhom mal-ligi u nstabu hatja ta’ diversi akkuzi fosthom dawk ta’ arrest illegali, malafama u serq u Alan Micallef kien inghata sentenza ta’ prigunerija sospiza fis-sena 1996 apparti xi multi zghar waqt li l-imputat Lanfranco kien inghata *unconditional discharges*. Ghalhekk fic-cirkostanzi stante li l-imputati mhumiex akkuzati li huma recidivi thoss li l-piena idoneja hija dik ta’ prigunerija sospiza.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-**Artikoli 261(g), 271(g), 281(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li ssib lill-imputati Alan Micallef u David Ellul Lanfranco hatja tal-akkuzi ta’ serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u tikkudannahom piena ta’ prigunerija ghall-perijodu ta’ sena sospiza ghal tlett snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li din inghatat b’mod alternattiv ghall-akkkuza ta’ serq.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------